## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2013 — MAF vs EIOPA

**(Kawża T-23/12)** [1]

***("Rikors għal annullament — Sistema lingwistika — Pubblikazzjoni mill-EIOPA ta' dokumenti ta' konsultazzjoni fis-sit internet tagħha esklużivament bl-Ingliż — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà")***

(2014/C 45/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Mutuelle des architectes français assurances (MAF) (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J. N. Louis, É. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)

*Konvenuta:* Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) (rappreżentanti: J. Stuyck u A. M. Vandromme, avukati)

### Suġġett

Talba għal annullament, minn naħa, ta' allegata deċiżjoni tal-EIOPA biex tippubblika l-informazzjoni fis-sit internet tagħha u, b'mod iktar partikolari, li tniedi konsultazzjonijiet pubbliċi esklużivament bl-Ingliż u, min-naħa l-oħra, tal-allegata deċiżjoni tad-direttur eżekuttiv tal-EIOPA, tas-16 ta' Jannar 2012, li tiċħad it-talba tal-MAF bil-għan tar-revoka tal-allegata l-ewwel deċiżjoni u għall-pubblikazzjoni tal-imsemmija konsultazzjonijiet kif ukoll tal-informazzjoni kollha fis-sit internet tal-EIOPA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Il-Mutuelle des architectes français assurances (MAF) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 98, 31.03.2012.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Novembru 2013 — Pips vs UASI — s.Oliver Bernd Freier (ISABELLA OLIVER)

**(Kawża T-38/12)** [1]

***(Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)***

(2014/C 45/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Pips BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: J. van den Berg, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* s.Oliver Bernd Freier GmbH & Co. KG (Rottendorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Körber u D. Kämper, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Ottubru 2011 (Każ R 2420/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn s.Oliver Bernd Freier GmbH & Co. KG u Pips BV.

### Dispożittiv

(1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

(2) *Ir-rikorrenti hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-konvenut. L-intervenjenti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

[1] ĠU C 89, 24.03.2012.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2013 — Wirtgen vs UASI (Appart għaż-żamma ta' furmatur)

**(Kawża T-179/12)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2014/C 45/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Wirtgen GmbH (Windhagen, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Jackermeier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Frar 2012 (Każ R 1923/2011-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trademark tridimensjonali li tirrappreżenta l-apparat għaż-żamma ta' furmatur (toolpost) bħala trade mark Komunitarja.